A.L. 38 ta' l-1989

ATT LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG (KAP. 135)

Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-1989 dwar Jum ta' Mistrieħ fil-Ġimgħa u *Leave* għal Vaganza Annwali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru tal-Politika Soċjali fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tax-Xogħol għamel dan l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-1989 dwar Jum ta' Mistrieħ fil-Ġimgħa u *Leave* għal Vaganza Annwali. Titolu.

2. F'dan l-Ordni — Tifsir.

"Att" tfisser l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg; u Kap. 135.

"impjegat *whole-time*" għandu jkollha l-istess tifsir kif mogħti lilha f'xi kondizzjonijiet magħrufin ta' impieg skond l-artikolu 10 ta' l-Att.

3. Impjegati *whole-time* għandhom jedd għal *minimum* ta' jum wieħed ta' mistrieħ f'kull ġimgħa kalendarja speċifika. Jum ta' mistrieħ fil-ġimgħa.

4. Impjegati *whole-time* għandhom jedd għall-Festi Nazzjonali u għall-btajjel pubbliċi kollha b'paga sħiħa, u għal dan il-*leave* għal vaganza li ġej li ma jkunx inqas minn — *Leave* għal vaganza annwali.

(a) erba' ġimgħat tax-xogħol u jum wieħed tax-xogħol matul is-snin kalendarji 1988 u 1989;

(b) erba' ġimgħat tax-xogħol u jumejn tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1990;

(ċ) erba' ġimgħat tax-xogħol u tlett ijiem tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1991;

(d) erba' ġimgħat tax-xogħol u erbat ijiem tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1992 u matul kull sena oħra kalendarja li tiġi wara:

Iżda meta impjegat *whole-time* ikun ilu mpjegat għal inqas minn tnax-il xahar matul xi sena kalendarja, ikollu jedd għal dik il-parti tal-*leave* għal vaganza msemmi skond ma jkun il-proporzjon man-numru ta' xhur li jkun ilu fl-impieg.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, *"leave* għal vaganza" tfisser *leave* bi ħlas li jista' jittieħed f'jiem miftehmin bejn prinċipal u impjegat, b'dan Tifsir ta' *leave* għal vaganza.

illi jum wieħed tax-xogħol matul l-1988 u 1989, jumejn tax-xogħol matul l-1990, tlett ijiem tax-xogħol matul l-1991 u erbat ijiem tax-xogħol matul l-1992 u matul kull sena oħra kalendarja li tiġi wara ma jkunux jagħmlu parti minn xi *shutdown* u għandhom jingħataw mill-prinċipal bħala *leave* li jittieħed b'għażla b'żieda ma' kull *leave* li jittieħed b'għażla li l-impjegat seta' kellu jedd għalih fid-9 ta' Novembru, 1988.

Transitorja.

6. Meta mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Ordni impjegat *whole-time* ikun użufruwixxa ruħu mill-*leave* li jittieħed b'għażla li kien intitolat għalih għas-sena 1989 qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Ordni, il-prinċipal tiegħu jista' jnaqqas ġurnata minn dak li l-impjegat hu intitolat għalih bħala *leave* għal vaganza li mhuwiex dak li jittieħed b'għażla li hu intitolat għalih dak l-impjegat għas-sena 1989, iżda ma jista' f'ebda każ inaqqas il-paga li dak l-impjegat ikun intitolat għaliha għal dik il-ġurnata.

Revoka. A.L. 85 ta' l-1988.

7. L-Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-1988 dwar Jum ta' Mistrieħ fil-Ġimgħa u *Leave* għal Vaganza Annwali qiegħed b'dan jiġi mħassar.